MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 1352/2002/1

**HSBC Bank Malta plc**

**v.**

**Katherine Mifsud kif ukoll Raymond Mifsud, Roseanne Buhagiar u Michelle Barbara bhala eredi tal-mejjet George Mifsud, ilkoll bhala debituri principali u l-istess Roseanne Buhagiar, bhala garanti solidali ta' l-imsemmija debituri principali**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti li permezz tiegħu din il-Qorti qed tiġi mitluba tikkonferma s-sentenza parzjali tad-9 ta’ Jannar 2004 u timmodifika s-sentenza ta’ l-14 ta’ Novembru 2005, billi tirrevoka, tħassar u tannulla dik il-parti tagħha fejn caħdet ir-raba’, il-ħames u s-sitt eccezzjoni u laqgħet it-tieni talba attrici bl-ispejjeż, u minflok, wara li tikkonferma l-kumplament ta’ l-istess sentenza tilqa’ r-raba', il-ħames, u s-sitt eccezzjoni tal-konvenuti appellanti u tiċħad it-tieni talba tas-socjeta` appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess socjeta` attrici appellata.

Għall-aħjar intendiment ta’ dan l-appell is-sentenza appellata (cioe` dik tal-14 ta' Novembru 2005) qiegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

**"Il-Qorti;**

"Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-28 ta’ Novembru, 2002 li permezz taghha s-socjeta` attrici ppremettiet:

"Illi l-mejjet George Mifsud u martu Katherine Mifsud kienu kkostitwew ruhhom debituri tal-Bank attur fi-ammont globali ta’ sitta u hamsin elf, hames mija u sittax-il lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm56,516.46) oltre l-imghax mid-9 ta’ Ottubru 2002 dovut lill-istess Bank kif jinghad hawn taht:

"a) Dsatax-il elf, disa' mija u hamsa u tletin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm19,935.23) dovuti lill-Bank attur in kwantu ghal sittax-il elf, mija u sebgha u disghin lira Maltija u erba’ centezmi (Lm16,197.04) fuq “Agricultural Loan Account” bin-numru 054-085816-300 u r-rimanenti tlett elef, seba' mija u tmienja u tletin lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm3,738.19) bhala imghax fuq l-istess “Agricultural Loan Account” sat-8 ta’ Ottubru 2002 kif jirrizulta mill-Istatement anness bhala Dok A, oltre l-imghax mid-9 ta’ Ottubru 2002 sad-data tal-pagament effettiv; u

"b) Sitta u tletin elf, hames mija u wiehed u tmenin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm36,581.23) dovuti

lill-Bank attur in kwantu ghal tnejn u tletin elf, disa’ mija u erbgha u sittin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm32,964.15) fuq “Overdraft Account” bin-numru 054-085816-001 u r-rimanenti tlett elef, sitt mija u sbatax-il lira Maltija u tmien centezmi (Lm3,617.08) bhala imghax fuq l-istess “Overdraft Account” sat-8 ta’ Ottubru 2002, kif jirrizulta mill-Istatement anness - bhala Dok B, oltre l-imghax mid-9 ta’ Ottubru 2002 sad-data tal-pagament effettiv;

"Illi l-imsemmi George Mifsud miet fit-8 ta’ Dicembru 1999 u nnomina bhala eredi tieghu lil uliedu l-konvenuti Raymond Mifsud, Roseanne Buhagiar u Michelle Barbara (Nota ta’ Insinwa ta’ trasferiment kawza mortis annessa bhala Dok C);

"Illi l-ammont fuq imsemmi ghadu kollu dovut;

"Illi l-imsemmija Roseanne Buhagiar nee’ Mifsud ikkostittwiet ruhha wkoll garanti solidali mal-mejjet George Mifsud u martu Katherine Mifsud debituri principali favur il-Bank attur sa l-ammont komplessiv ta’ sitta u sittin elf lira Maltija (Lm66,000), oltre imghax u spejjes kif jirrizulta mill-guarantee form datata 17 ta’ Settembru 1998 (Dok D);

"Illi l-konvenuti, ghalkemm interpellati biex ihallsu, anke permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati 18 ta’ Lulju 2001, baqghu inadempjenti (Dok E u Dok F);

"Illi l-kreditu tal-Bank huwa cert, likwidu u ezegwibbli u sa fejn jaf il-Bank attur, il-konvenuti m’ghandhom ebda difiza valida opponibbhi f’din il-kawza kontra t-talba tieghu ghall-hlas ta’ dik is-somma, kif jidher mill-affidavit tal-P.L. Jonathan de Maria, ir-rapprezentant ta' l-Bank attur, hawn anness bhala Dok X;

"Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

"1. taghti s-sentenza u tilqa’ t-talba tal-Bank attur bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fi-Artikoli 167-

170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12); u

"2. tikkundanna lill-konvenuti Katherine Mifsud, kif ukoll Raymond Mifsud, Roseanne Buhagiar u Michelle Barbara bhala eredi tal-mejjet George Mifsud u l-istess Roseanne Buhagiar bhala garanti tal-konvenuti u in solidum maghhom ihallsu lill-istess Bank attur is-somma ta’ sitta u hamsin elf, hames mija u sittax-il lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm56,516.46) oltre l-imghax mid-9 ta’ Ottubru 2002, dovuta kif jinghad hawn taht:

"a) Dsatax-il elf, disa mija u hamsa u tletin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm19,935.23) dovuti lill-Bank attur in kwantu ghal sittax-il elf, mija u sebgha u disghin lira Maltija u erba’ centezmi (Lm16,197.04) fuq “Agricultural Loan Account” bin-numru 054-085816-300 u r-rimanenti tlett elef, seba' mija u tmienja u tletin lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm3,738.19) bhala imghax fuq l-istess “Agricultural Loan Account” sat-8 ta’ Ottubru 2002 kif jirrizulta mill-Istatement anness bhala Dok A, oltre l-imghax mid-9 ta’ Ottubru 2002 sad-data tal-pagament effettiv; u

"b) Sitta u tletin elf, hames mija u wiehed u tmenin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm36,581.23) dovuti lill-Bank attur in kwantu ghal tnejn u tletin elf, disa’ mija u erbgha u sittin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm32,964.15) fuq “Overdraft Account” bin-numru 054-085816-001 u r-rimanenti tlett elef, sitt mija u sbatax-il lira Maltija u tmien centezmi (Lm3,617.08) bhala imghax fuq l-istess “Overdraft Account” sat-8 ta’ Ottubru 2002, kif jirrizulta mill-Istatement anness - bhala Dok B, oltre l-imghax mid-9 ta’ Ottubru 2002 sad-data tal-pagament effettiv;

"Bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri ufficjali datati 18 ta’ Lulju 2001, u tal-mandat ta’ inibizzjoni u l-mandat ta’ sekwestru pprezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attriici mahlufa mill-Prokuratur Legali Jonathan De Maria, I.D. 367569(M) u l-lista tax-xhieda.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fl-4 ta' Frar, 2003 li permezz taghha l-konvenuti eccepixxew:

"1. Illi l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici stante l-fatt illi ma gietx segwita l-procedura kontemplata fl-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Di piu` (a) l-kliem *Min jircievi din ic-citazzjoni kontra tieghu ghandu jipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet tieghu fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioe` minn meta jkun irciviha. Jekk ma tigix ippresentata n-nota ta' l-eccezzjonijiet bil-miktub kif trid il-ligi saz-zmien imsemmi, l-Qorti tghaddi biex tghati d-decizjoni skond il-Ligi"* li jidhru fuq l-ewwel pagna tac-citazzjoni ma gewx maqtugha u (b) jidher li l-Qorti ttrattat din il-kawza bhala wahda li ma gietx istitwita bil-procedura sommarja.

"2. Illi di piu` s-socjeta` attrici taf — ghaliex giet infurmata diversi drabi — illi l-ecipjenti ghandhom difiza valida x'jaghtu.

"3. Illi kull somma li tista' tkun dovuta lis-socjeta` attrici ghandha tithallas mis-socjeta` HSBC Life Assurance (Malta) Limited li maghha George Mifsud kien gie assigurat tramite s-socjeta` attrici in konnessjoni ma kull self li kien se jiehu minghand l-istess socjeta` attrici.

"Fil-fatt l-eccipjenti pprezentaw kawza kontra din is-socjeta` assiguratrici fid-9 ta' Dicembru 2002 (Citaz. Nru. 1406/02 JRM) u ghalhekk jew is-socjeta` HSBC Life Assurance (Malta) Limited ghandha tigi kjamata f'din il-kawza jew – u mill-punto di vista ta' spejjez u procedura jaghmel iktar sens – iz-zewg kawzi ghandhom jimxu u jigu decizi flimkien.

"4. Minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez peress illi l-kawzali li fuqha huma mibnija mhijiex minnha u cioe` mhuwiex

minnu dak li jinghad fl-ewwel paragrafu tac-citazzjoni “*illi l-mejjet George Mifsud u martu Katherine Mifsud kienu kkostitwew ruhhom debituri tal-Bank attur fl-ammont globali ta’ sitta u hamsin elf, hames mija u sittax il-lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm56,516.46) oltre l-imghax mid-9 ta’ Ottubru 2002”*.

5. Subordinatament u minghajr pregudizzju, is-socjeta` attrici ghandha tipprova l-pretensjonijiet taghha bil-mod li jirrikjedi l-Kap. 12.

"6. Subordinatament u minghajr pregudizzju l-konvenuti mhumiex debituri solidali.

"7. Salv eccezzjonijiet ohra jekk u meta jkun il-kaz.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

"Rat l-atti processwali.

"Semghet ix-xhieda tal-Prokuratur Legali Jonathan De Maria.

"Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Gunju 2005, illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

"Rat in-noti ta' l-osservazzonjiet.

"Ikkunsidrat;

"Illi l-ewwel zewg eccezzjonijet jirrigwardjaw il-fatt li l-kawza originarjament giet prezentata a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 u ghalhekk issa ma baqghalhomx rilevanza, kif *del resto* ma ghandhiex l-ewwel talba attrici.

"It-tielet eccezzjoni hija li l-ammont li jista’ jkun dovut ghandu jkun imhallas mis-socjeta` HSBC Life Assurance Malta Limited billi l-mejjet George Mifsud kien assikurat maghha a bazi tas-self li kien ser jiehu mill-istess socjeta` attrici. Hawnhekk il-Qorti jidhrilha li din l-eccezzjoni ma ghandhiex x’taqsam mal-kawza odjerna u fil-fatt il-

konvenuti harrku lil din is-socjeta` assikuratrici f'kawza separata li tigi deciza llum ukoll billi din irrifjutat li thallas. Ghalhekk l-eccezjoni qed tigi respinta.

"Fis-sustanza l-konvenuti qed jeccepixxu li l-atturi ma pprovawx il-kreditu taghhom u li f'kull kaz il-konvenuti, *eccetto* l-konvenuta Buhagiar ma ghandhomx ikunu responsabbli solidalment ghas-somma li tista' tkun dovuta mill-mejjet George Mifsud.

"Fir-rigward tal-prova tal-kreditu, il-Qorti thoss li *nonostante* l-legalizmi li esponew il-konvenuti fin-nota taghhom, din il-prova saret u ma gietx ribattuta minnhom. Ix-xhud tal-bank, li huwa impjegat ta' l-istess bank, esebixxa diversi dokumenti (*bank statements)* illi juru l-ammonti avvanzat lil Mifsud u dawn b'ebda mod ma gew kontestati. Huwa minnu li mkien ma rrizulta illi l-konjugi Mifsud ikkostitwew ruhhom debituri b'xi mod formali, izda dan ma jbiddilx il-fatt li d-dokumenti msemmija, li kif sew irrimarkaw l-atturi fin-noti taghhom, huma kotba tan-negozju ai termini tal-Kodici tal-Kummerc juru b'mod dettaljat l-ammont dovut mill-konjugi Mifsud. Ghalhekk ladarba hadd mill-konvenuti ma attakka b'xi mod l-awtenticita` jew il-veracita` taghhom, l-eccezzjoni hija respinta.

"Il-kwistjoni tas-solidarjeta` tad-dejn hija iktar ikkomplikata. Ma hemmx dubbju li originarjament id-dejn kien wiehed kummercjali izda l-konvenuti ed jargumentaw illi *semmai* huma debituri fis-sehem li tieghu huma werrieta ta' George Mifsud (fil-kaz ta' Katherine Mifsud in-nofs taghha tal-komunjoni ta' l-akkwisti).

"Is-sentenza tal-Qorti citata mill-konvenuti pero` (<u>Taliana vs Vassallo Cesareo</u>) tispjega l-kwoti li ghandhom ihallsu l-werrieta fuq dejn ta' l-awtur taghhom u ma titkellimx dwar solidarjeta` ghaliex il-kuncetti m'humiex l-istess. F'dan il-kaz il-punt huwa jekk il-werriet ta' dejn kummercjali huwiex ukoll responsabbli solidalment mal-werrieta l-ohra. Fil-fehma tal-Qorti obbligazzjoni kummercjali ghandha tigi ritenuta li tibqa' bhala tali anke fir-rigward tal-werrieta; il-

werrieta jirtu l-obligazzjoni *kif inhi* u l-essenza taghha ma tinbidilx bil-mewt tad-debitur.

"Il-Qorti ghalhekk, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti; tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba ghar-ragunijiet fuq imsemmija u tilqa' t-talbiet l-ohra kollha attrici.

"L-ispejjez kif mitluba jithallsu mill-konvenuti."

**<u>Ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuti:</u>**

Ir-rikors voluminuż ta' l-appell tal-konvenuti jista' jiġi miġbur u sintetizzat fi tlett aggravji li effettivament itennu mhux biss ir-raba', il-ħames u s-sitt eccezzjonijiet imqajma minnhom fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tagħhom iżda ukoll il-punti mressqa minnhom fin-nota ta' osservazzjonijiet u anke ir-replika tagħhom għan-nota responsiva tal-bank attur. L-aggravji huma dawn:

(1) <u>Il-kawżali li fuqha huma mibnija t-talbiet attrici mhux minnha u għalhekk it-talbiet kellhom jiġu respinti bl-ispejjeż (ir-raba' eccezzjoni)</u>

L-appellanti jirreferu għall-ewwel premessa tac-citazzjoni li tgħid illi l-konjuġi Mifsud kienu <u>"kkostitwew ruħhom debituri"</u> tal-Bank attur. Huma jargumentaw illi effettivament ma jirriżultax illi kien hemm xi kostituzzjoni ta' debitu da parti tal-konjuġi Mifsud u ma ġie ppreżentat l-ebda dokument ta' kostituzzjoni ta' debitu jew xi dokument ieħor li minnu jirriżulta li l-flus allegatament dovuti huma fil-fatt dovuti a bażi ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu. L-appellanti jinsistu illi ġialadarba l-kostituzzjoni ta' debitu ma tirriżultax, it-talba tas-socjeta` għandha tiġi respinta, avolja l-ammont pretiż jista' jirriżulta għal xi raġuni oħra.

(2) <u>Is-socjeta` attrici ma ressqitx l-aħjar prova biex tipprova l-pretensjonijet tagħha (il-ħames eccezzjoni)</u>

L-appellanti jsostnu illi mhux biss kien jispetta lis-socjeta` attrici li tipprova l-pretensjonijiet tagħha, iżda kien jinkombi

fuqha, li tipproduci "l-aħjar prova", ħaġa li fil-fehma tagħhom ma saritx. Huma jaccennaw għall-fatt illi l-uniku xhud li ġie prodott mill-bank xehed fuq informazzjoni mogħtija lilu u fuq informazzjoni meħuda mis-sistema kompjuterizzata tal-bank. Ikomplu jgħidu illi huwa żbaljat li wieħed jargumenta li dak li jirriżulta mill-*computer* hu l-aħjar prova. Di piu` dwar id-dokumenti esebiti mill-bank, l-appellanti isostnu li dawn ukoll ma humhiex l-aħjar prova peress li ħlief għal Dok A u B, id-dokumenti kollha huma fotokopji u mhux oriġinali.

(3) <u>Il-konvenuti mhux debituri solidali (is-sitt eccezzjoni)</u>
Dwar il-punt ta' jekk werriet ta' dejn kummercjali huwiex ukoll responsabbli solidament mal-werrieta l-oħra, l-ewwel Qorti kienet irriteniet illi l-obbligazzjoni kummercjali tibqa' bħala tali anke fir-rigward tal-werrieta u sostniet illi l-werrieta jirtu l-obbligazzjoni kif inhi u l-essenza tagħha ma tinbidilx bil-mewt tad-debitur. L-appellanti da parti tagħhom pero` jsostnu illi s-solidarjeta` teżisti biss fil-konfront ta' Roseanne Buhagiar li kkostitwiet ruħha garanti solidali mal-konjuġi Mifsud u jargumentaw illi fil-konfront tad-debituri l-oħra, u id-debitu huwa diviżibbli.

<u>**Ir-risposta tal-bank attur appellat HSBC Bank Malta plc:**</u>
Is-socjeta` appellata wieġbet fit-tul biex turi li l-appell interpost mill-konvenuti kellu jiġu micħud u s-sentenza ta' l-ewwel Qorti kkonfermata.

<u>**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**</u>

<u>L-ewwel aggravju: il-kawżali u t-talbiet</u>

B'referenza għall-ewwel premessa tac-citazzjoni fejn jingħad illi l-konjuġi Mifsud "*kienu kkostitwew ruħhom debituri tal-Bank*" l-appellanti jargumentaw illi din il-premessa hija skorretta għaliex effettivament ma jirriżultax li kien hemm "*kostituzzjoni ta' debitu.*" Jaccennaw għall-fatt li ma ġie ppreżentat l-ebda dokument ta' kostituzzjoni ta' debitu u mid-dokumenti esebiti ma rriżultax li l-flus allegatament dovuti huma fil-fatt dovuti a bażi ta' xi

kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu. Iżidu jgħidu li anke l-ewwel Qorti kienet irrikonoxxiet il-fatt li l-konjuġi Mifsud ma kinux ikkostitwew ruħhom debituri b'xi mod formali. Huma jargumentaw illi t-talba attrici hija intrinsikament inkatenata mal-premessi tac-citazzjoni u jekk ir-rabta ma tirriżultax it-talba ma tistax tiġi milqugħa. Għalhekk fil-fehma tagħhom it-talba tas-socjeta` attrici għandha tiġi respinta.

Jiġi osservat illi dan l-ewwel aggravju u r-raba' eccezzjoni huma bażati fuq l-Artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 li jimponi illi:

"Ic-citazzjoni għandha titlesta mill-attur u għandu jkun fiha tifsir car u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba;"

Rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawża **Malta Development Corporation v. Paul Licari** deciża fit-22 ta' April 2004 kienet irriferiet għall-ġurispudenza nostrana mnejn jirrizultaw is-segwenti principji:

*"Huwa principju inderogabbli li l-azzjoni hi kontenuta fil-premessi u fit-talbiet li għalihom iwasslu. Irid mhux biss jirriżulta dak in-ness ġuridiku bejn il-premessi u t-talbiet b'mod li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' l-Artikolu 156 imma hu ukoll meħtieġ ad substantia et validitatem illi l-azzjoni tkun waħda kjarament identifikabbli fil-liġi u dana fil-parametri ta' l-att tac-citazzjoni kif redatt. L-Artikolu 156 jimponi fuq l-attur li jidentifika l-oġġett tal-kawża billi jiddikjara r-raġuni għaliex kien qed jitlob dak l-oġġett u illi kemm l-oġġett kif ukoll ir-raġuni tkun imfissra car u sewwa" [**App Raymond Galea vs Anthony Galea – 30.03.1998; PA. Pietro Paolo Camilleri et vs Filippo Galea – 06.06.1991].***

L-istess Qorti kienet irriferiet ukoll għad-deciżjoni tal-Prim' Awla fl-ismijiet **Alfred Vella et v. Agostino Camilleri** [1997] Vol LXXXI.iii.31, fejn ġie ritenut illi n-nullita` ta' att ġudizzjarju hija sanzjoni estrema li l-liġi trid timposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali - fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi principju ta' ġustizzja procedurali. Ġie ritenut illi att ta' citazzjoni

għandu jkun imwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi.

Fid-dawl ta' dan l-insenjament din il-Qorti sejra tanalizza l-ewwel premessa tac-citazzjoni. Il-bank attur ippremetta hekk:

*"Illi l-mejjet George Mifsud u martu Katherine Mifsud kienu kkostitwew ruħhom debituri tal-Bank attur fl-ammont globali ta' sitta u ħamsin elf, ħames mija u sittax-il Lira Malija u sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm56,516.46) oltre l-imgħax mid-9 ta' Ottubru 2002 dovut lill-istess Bank kif jingħad hawn taħt:"* (sottolinear tal-Qorti)

Il-Bank attur fl-istess premessa imbagħad għadda biex jispjega illi l-ammont dovut ta' Lm56,516.46 kien fil-fatt in konnessjoni ma'

(a) Agricultural Loan Account bin-numru 054-085816-300 u
(b) Overdraft Account bin-numru 054-085816-001.

Kif issottometta l-bank appellat fir-risposta tiegħu, imkien fic-citazzjoni ma ġie allegat li sar xi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu. Bil-kliem "*ikkostitwew ruħhom debituri*" ma jidhirx li l-bank ried ifisser li kien hemm xi kuntratt notarili ta' kostituzzjoni ta' debitu. Anke jekk forsi bil-frasi *"ikkostitwew ruħhom debituri"* jista' jinftiehem li il-bażi ta' l-azzjoni odjerna kien xi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, kif imbagħad wieħed ikompli jaqra l-istess premessa joħroġ car illi d-debitu mertu tal-kawża huwa riżultat ta' facilitajiet bankarji. Huwa ovvju li bil-kliem "ikkostitwew ruħhom" debituri, il-bank sempliciment ried ifisser illi l-konjuġi Mifsud kienu "saru" debituri.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, n-ness ġuridiku bejn il-kawżali u t-talbiet joħroġ car u ma ssib li hemm assolutament l-ebda raġuni għaliex it-talba għandha tiġi respinta. Huwa dan l-ewwel aggravju li qed jigi respint.

It-tieni aggravju: il-prova

It-tieni aggravju ta' l-appellanti jikkoncerna bazikament il-kwistjoni tal-prova: huma jsostnu li mhux biss kien jispetta lill-bank biex jipprova l-pretensjonijiet tiegħu iżda kien jinkombi fuqu li jipproduci l-aħjar prova. L-appellanti jilmentaw illi f'dan ir-rigward il-bank appellat ma osservax il-principju ta' l-aħjar prova kemm fir-rigward tax-xhud prodott kif ukoll fir-rigward tad-dokumenti li pproduca.

Il-pretensjoni tal-bank kif migjuba fic-citazzjoni tirrigwarda s-somma ta' Lm56,516.46 (oltre l-imgħax sad-data tal-pagament effettiv) relattiva għal facilitajiet bankarji mogħtija minnha lill-konjuġi Mifsud. Ix-xhud li pproduca l-bank kien il-prokuratur legali Jonathan DeMaria, impjegat fil-*Legal Department* tal-bank. Fl-affidavit tiegħu tat-28 ta' Novembru 2002, huwa kkonferma illi l-ammont ta' Lm56,516.46 mitlub mill-bank jirrappreżenta l-ammonti dovuti lill-bank relattivi għal Agricultural Loan Account u Overdraft Account, bl-imgħaxijiet rispettivi sat-8 ta' Ottubru 2002. Huwa kkonferma *"Illi l-ammont fuq imsemmi għadu kollu dovut".* Fix-xhieda tiegħu tas-26 ta' April 2004 ix-xhud ikkonferma l-*istatements* relattivi għall-kontijiet tal-loan u ta' l-"*overdraft*" li huma esebiti a fol. 8 u 9 tal-process rispettivament.

Fl-istess seduta fil-preżenza taż-żewġ difensuri, ix-xhud esebixxa kopja tal-kuntratt notarili li permezz tiegħu kienu ingħataw il-facilitajiet tal-*loan* u ta' l-*overdraft*[1] u kkonferma li dik kienet fil-fatt vera kopja ta' l-oriġinal[2]. Dan id-dokument juri li fit-13 ta' Marzu 1997 il-bank ta lill-konjuġi Mifsud Lm20,000 bħala *loan* u Lm20,000 bħala facilita` ta' "*overdraft"*.

Fix-xiehda tiegħu ta' l-4 ta' Ottubru 2004, l-istess xhud ippreżenta Dok JA3[3] li huwa kopja tas-*sanction letter* tal-bank li fiha hemm elenkati t-termini u l-kundizzjonijiet imposti fir-rigward tal-facilitajiet bankarji li l-Bank kien ser jikkoncedi lill-konjuġi Mifsud. Dan id-dokument huwa datat 17 ta' Jannar, 1997. Jiġi osservat illi fuq dan id-dokument jidhru l-firem tal-*manager* tal-bank kif ukoll tal-konjuġi

---

[1] Fol 50-57
[2] Fol 61
[3] Fol 86-88

Mifsud. Fl-istess xiehda tiegħu ta' l-4 ta' Ottubru 2004, ix-xhud ikkonferma li l-kopja kien ħadha mill-"files" tal-bank u kkonferma li kienet fotokopja vera.

Dwar il-pagamenti x-xhud spjega illi kull meta jsiru pagamenti l-entrati isiru fil-post fejn ikun sar il-pagament u li kull entrata tidħol fis-sistema centrali. Huwa qal li kien ta struzzjonijiet biex jinħareġ l-istatement. Fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2004 ikkonferma illi huwa kien mar personalment Ħal Qormi fejn hemm is-sistema kompjuterizzata u vverifika l-entrati li jidhru fuq l-i*statements*. Ix-xhud spjega li peress li l-entrati kienu ftit antiki dawn jiġu arkivjati. Huwa kkonferma illi l-imgħaxijiet mitlubin fic-citazzjoni kienu korretti. "J*iena ħdimtha jiġifieri at simple interest u qbilt ma' dak li konna qegħdin nitolbu*". Fis-seduta tat-8 ta' April 2005, ix-xhud ikkonferma li l-kotba principali elettronici tal-bank huma dawk tal-bank f'Ħal Qormi.

Din il-Qorti in vista tal-provi kollha prodotti mill-bank appellat tħossha ampjament sodisfatta illi l-facilitajiet ta' "*overdraft*" u "*loan*" effettivament ingħataw mill-bank lill-konjuġi Mifsud. In sostenn ta' dan il-Qorti taccenna għall-fatt li l-istess konvenuti effettivament qatt ma eccepew li l-facilitajiet bankarji ma ngħatawx, u di piu` fid-dikjarazzjoni ġuramentata tagħhom l-istess konvenuti jsostnu "*Illi kull somma dovuta lis-socjeta` attrici għandha titħallas mis-socjeta` HSBC Life Assurance (Malta) Ltd".* Certament il-prova ta' l-eżistenza tal-kreditu kienet tkun "aħjar" li kieku minflok fotokopja tal-vera kopja tal-kuntratt oriġinali li permezz tiegħu ingħataw il-facilitajiet bankarji ġiet ippreżentata vera kopja ta' l-att redatt min-nutar innifsu iżda din il-Qorti ma tħossx li dan in-nuqqas huwa gravi sal-punt li għandu jikkostrinġiha tiskarta l-talbiet attrici. Wara kollox il-fotokopja tal-vera kopja tal-kuntratt oriġinali esebita mix-xhud De Maria ġiet kkonfermata mill-istess xhud bil-ġurament tiegħu, u barra minn dan, ma ngiebet ebda prova kuntrarja li tirrendiha inaffidabbli.

Issa dwar il-pagamenti, jiġi osservat li l-istatements tal-bank, li fil-fatt huma l-kotba tan-negozju ta' l-istess bank ai termini tal-Kodici tal-Kummerc, juru fid-dettall l-ammont li

għadu dovut. Għalkemm il-konvenuti appellanti ppruvaw jixħtu dubju fuq il-korretezza u l-veracita` ta' l-istatements komputerizzati, huma fil-fatt qatt ma ġabu xi prova konkreta kuntrarja f'dan is-sens. U ġialadarba il-Qorti hija sodisfatta li l-kreditu tassew ingħata, l-oneru dwar il-pagament jinkombi fuq il-konvenuti appellanti. Għalhekk in assenza ta' xi kontestazzjoni serja da parti tal-konvenuti appellanti din il-Qorti ser tikkunsidra li l-istatements esebiti saru in *bona fede* u korrettement, u għalhekk hija tal-fehma li ghandha taccettahom u toqgħod fuqhom.

<u>It-tielet aggravju: is-solidarjeta`</u>

Tqum issa l-kwistjoni tas-solidarjeta` tad-debituri. L-appellanti jargumentaw illi l-konvenuti mhumiex debituri solidali kif kienet irriteniet l-ewwel Qorti. Huma jsostnu li Katherine Mifsud tista' tiġi biss ikkundannata li tħallas nofs id-debitu pretiż filwaqt li l-eredi tal-mejjet żewġha George Mifsud (u cioe` Raymond Mifsud, Roseanne Buhagiar u Michelle Barbara) jistgħu jiġu kkundannati biss biex bejniethom iħallsu s-sehem mid-dejn tal-mejjet George Mifsud, u cioe` terz tan-nofs is-somma mitluba mill-bank (bl-eccezzjoni ta' Roseanne stante l-garanzija solidali tagħha).

Qabel ma din il-Qorti tgħaddi biex tiddetermina l-kwistjoni tas-solidarjieta` o meno tad-debituri trid tiġi stabbilita n-natura ta' l-obbligazzjoni *de quo*. Kif osserva l-bank appellat fir-risposta ta' l-appell tiegħu, hawnhekk si tratta ta' operazzjoni kummercjali peress li kull operazzjoni bankarja hija oġġettivament att tal-kummerc skond l-Artikolu 5(b) tal-Kodici tal-Kummerc. L-Artikolu 2 tal-Kodici tal-Kummerc jistipula illi :

"Taħt il-liġi tal-kummerc jaqgħu l-kummercjanti u l-atti tal-kummerc magħmulin minn kull persuna, ukoll jekk ma tkunx tikkummercja."

Isegwi għalhekk illi f' każ bħal dan odjern hija applikabbli il-liġi tal-kummerc. Issa skond l-Artikolu 115(1) tal-Kodici tal-Kummerc,

“F’obbligazzjonijiet kummercjali, hu preżunt, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, li l-kondebituri huma obbligati in solidum.”

Id-debitu għalhekk huwa wieħed solidali. l-konjuġi Katherine u George Mifsud kienu obbligati *in solidum* għad-dejn in kwistjoni. Issa meta miet George Mifsud u t-tlett uliedu accettaw il-wirt tiegħu (nofs il-komunjoni ta’ l-akkwisti) huma awtomatikament accettaw nofs id-dejn mertu tal-kawża - accettaw nofs dak id-dejn li kien dovut solidalment mill-konjuġi Mifsud. Kull wieħed mill-eredi wiret terz (1/3) ta’ nofs id-dejn in kwistjoni. L-appellanti jagħmlu riferenza għall-Artikolu 1113 tal-Kodici Civili, partikolarment għall-Artikolu 1113(2) u jargmentaw li l-eredi mhux obbligati jħallsu d-dejn ħlief fl-ishma li jmissu lilhom.

L-Artikolu 1113 tal-Kap 16 fil-fatt jistipula hekk:

(1) L-obbligazzjoni, għalkemm tkun li tista’ tinqasam, għandha tiġi esegwita, bejn il-kreditur u d-debitur, bħallikieku kienet indiviżibbli.

(2) Il-qsim ta’ dik l-obbligazzjoni jista’ jsir biss bejn il-werrieta tagħhom, illi ma jistgħux jitolbu d-dejn, jew ma jkunux obbligati li jħallsuh, ħlief fl-ishma li għalihom huma obbligati, bħala li jidhru flok il-kreditur jew id-debitur.

Id-diviżibilita` ta’ l-obbligazzjoni pero` m’għandhiex tiġi konfuża mal-kuncett tas-solidarjeta`. Id-diviżibilita` ta’ l-obbligazzjoni ma toqtolx in-natura solidali tad-debitu. Il-bank appellat jirreferi fuq dan il-punt ghall-Pacifici Mazzoni, jigiferi li,

“…mentre nell’obbligazione solidale l’effetto dell’esecuzione totale ha luogo per la natura del vincolo obbligatorio, nella indivisibile e` necessariamente prodotto dalla natura dell’oggetto; percio` quell’effetto si produce nella prima malgrado che la prestazione fosse divisibile, nella seconda verrebbe meno ove la prestazione potesse eseguirsi per parti.”

*(Istituzioni di Diritto Civile Italiano – 1886- Vol IV - para 3 pg 53)*

In-natura ta' l-obbligazzjoni di fronti għall-bank ma nbiddlitx mal-mewt ta' George Mifsud. Hekk kif il-kondebituri George u Katherine Mifsud kienu flimkien debituri *in solidum* fir-rigward tad-dejn kummercjali li kellhom mal-bank, hekk ukoll il-kondebituri odjerni, jiġifieri Katherine Mifsud u t-tlett werrieta ta' George Mifsud huma ukoll debituri *in solidum* tal-bank għar-rigward ta' l-istess dejn. Għalhekk nonostante l-fatt li l-werrieta mhux obbligati li jħallsu aktar mis-sehem tagħhom tad-debitu, minħabba l-fatt li d-debitu huwa wieħed solidali il-bank jista' jdur fuq kwalunkwe wieħed minnhom kif jista' jdur fuq Katherine Mifsud għall-esekuzzjoni tal-ħlas tad-debitu kollu.

**<u>Decide</u>**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a kariku ta' l-appellanti *in solidum* bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------